11 ta' Ottubru, 1948.

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Vitor Scerri

**Provi — Xhieda ta' l-Imputat — Sentenza — Nullità — Art. 404, 462 u 466 (7) tal-Kodiċi Kriminali**

*L-imputat jixhed jekk irid hu. Jekk jagħżel li jixhed, minn imputat isir xhud. Imma malli jispiċċa mix-xhieda u jerġa' jmur f'postu fl-isbarra, huwa jerġa' isir imputat, u jerġa' jiġi protett bil-privileġġ li ma jistax jiġi mistoqsi fuq ebda ħaġa dwar ir-reat li tiegħu huwa akkużat.*

*Jekk wara li jkun xehed l-imputat, fuq talba tiegħu stess, u wara li jkun reġa' mar f'postu, il-Maġistrat iġagħlu jwieġeb għal xi mistoqsijiet, ikun hemm vjolazzjoni ta' formalità sostanzjali; u s-sentenza tal-Maġistrat hija nulla.*

Dan hu appell ta' l-imputat minn sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fid-9 ta' Awissu 1948, li biha nstab ħati ta' serq aggravat bil-persuna u bil-post, ta' ħamest artal u nofs ross li jiswa erba' xelini sold u sitt ħabbiet a dannu tal-Gvern, u ġie lilu konċess il-benefiċċju tal-liberazzjoni taħt l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 12;

L-imputat qiegħed jappella kontra din id-dikjarazzjoni ta' reità;

Trattat l-appell, ġie diskuss il-pont preliminari li huwa dan: Quddiem l-Ewwel Qorti qam dan l-inċident, li, kwantu għall-meritu tiegħu, hu paċifiku, għaliex verbalizzat mill-istess Qorti fol. 4 tal-proċess b'dawn il-kliem:— "Il-Qorti sejħet lill-imputat biex jerġa' jagħti xi spjegazzjonijiet wara li huwa kien xehed fuq talba tiegħu u reġa' niżel f'postu; Dr.

Scerri għall-imputat issottometta illi ladarba l-imputat spiċċa mid-depożizzjoni tiegħu u niżel minn fuq il-pedana tax-xhieda u mar f'postu, ma jistax jiġi mgħajjat mill-Qorti; peress li dina l-oppożizzjoni mhix valida fil-liġi, il-Qorti għaddiet biex tagħmel il-mistoqsijiet li kellha bżonn. L-imputat imqsejjaħ mill-Qorti";

Ma hemmx dubju li l-inċident hu ta' importanza mhux żgħira, għaliex intimament konness ma' istitut hekk fondamentali bħal ma hija x-xhieda li, b'talba tiegħu, jista' jagħti l-imputat fil-proċessi kriminali;

Fuq dan il-punt din *il-Qorti rriflettiet;*

Ma hemm ebda dubju illi s-sistema kriminali malti, ispirat għall-aħjar prinċipji liberali, hu akkużatorju, u mhux inkwiżitorju. Waħda mill-aktar illustrazzjonijiet sinifikanti tassistenza akkużatorju hu l-fatt li l-imputat ma jistax jiġi assoġġettat għal domandi ħlief dawk li tippreskrivi l-liġi, u li hu jixhed biss jekk irid huwa, fuq talba tiegħu, bla ma nnuqqas tiegħu li jixhed jista' jiġi kommentat mill-Prosekuzzjoni. Fis-sistema inkwiżitorju l-prinċipju hu, inveċi, illi l-*ġudikant u l-prosekutur uffiċjali għandhom id-dmir li jiskopru* l-verità, anki bl-eżami, sija pure insistenti, tal-persuna sospettata jew imputata;

Fis-sistema malti, bħal ma hu l-każ fis-sistema ingliż, l-imputat hu "a competent witness for the defence", imma ma hux "a compellable witness". Dan hu prinċipju bażilari;

Fl-istadju ta' l-istruttorja jistgħu jsiru lill-imputat iddomandi li hemm imsemmijin fl-art. 404 Kap. 12 (li jirrigwardaw *biss konnotati personali tiegħu* u jekk hux ħati jew le), issirlu wara t-twissija preskritta fl-istess artikolu, li fiha jingħad anki lilu li, jekk jippreferixxi, jista' ma jgħid xejn. Domandi oħra ma humiex permessi;

Fl-istadju tal-jury jsirulu biss id-domandi jekk hux ħati jew le, skond l-art. 462; u jista', jekk irid, iżomm is-skiet. Fl-art. 466 (7) jingħad espressament li "il-Qorti, l-Attorney General u l-ġuri matul il-kawża ma jistgħu jagħmlu ebda mistoqsija oħra lill-akkużat fuq il-fattijiet li fuqhom huwa jkun akkużat";

Fl-art. 630, li hu ta' applikazzjoni ġenerali għall-qrati

kollha ta' ġustizzja kriminali, jingħad li l-imputat jew l-akkużat jista', b'talba tiegħu, jixhed taħt ġurament, minnufih li l-Prosekuzzjoni tagħlaq il-parti tagħha, barra minn meta jinqala' l-bżonn li jixhed ukoll wara, f'waqt ieħor tal-kawża, jew jekk il-Qorti jkun jidhrilha xieraq li tbiddel l-ordni tal-provi;

Minn dan kollu jidher ċar illi, fis-sistema tal-liġi maltija, l-imputat jew l-akkużat jixhed jekk irid. Sakemm ma jagħżelx li jixhed hu protett mill-privileġġ li ma jistax jiġi interrogat (ad eċċezzjoni tad-domandi preskritti mil-liġi fuq imsemmijin). Meta jagħżel li jixhed, allura l-privileġġ jibqa' sospiż dment li jkun jixhed, u jistgħu jsirulu anki domandi li r-risposti tagħhom jistgħu jinkriminawh fuq ir-reat li jkun imsejjaħ jirrispondi għalih. Ma jistgħux isirulu domandi dwar il-kondotta preċedenti tiegħu, ammenokkè ma jkunx daħal hu stess fi provi tal-kondotta tajba tiegħu. Malli jispiċċa mix-xhieda tiegħu, allura minn xhud jerġa' jsir imputat jew akkużat, u jirriakkwista minnufih il-privileġġ li kellu qabel, dak, ċjoè, li ma jistax jiġi interrogat aktar;

Issa, fil-fehma ta' l-Imħallef sedenti, f'din il-kawża ġie vjolat dan il-privileġġ. L-imputat kien spiċċa jixhed u kien mar f'postu, ċjoè fl-isbarra. Minn xhud kien reġa' sar imputat, u għalhekk reġa' kien protett bil-privileġġ. Il-Maġistrat sejjaħlu biex jixhed meta kien ġa niżel mill-pedana tax-xhieda u kien laħaq postu. B'hekk ġie miksur il-prinċipju fuq imsemmi, għaliex l-imputat ġie trattat bħala "compellable witness". L-Imħallef sedenti jista' jgħid li fil-prattika ta' din il-Qorti dan il-prinċipju ġie dejjem rigorożament osservat. Malli l-akkużat jirraġġungi postu wara li jkun xehed, allura ħadd ma jista' jinterrogah aktar. Għalkemm, peress li xejn ma ġie mniżżel bil-miktub, l-Imħallef sedenti ma setax jirrintraċċja l-każ, però jiftakar tajjeb il-jury, fejn l-Avukat Dr. Magri u huwa kienu assoċjati fid-difiża, l-akkużat kien xeħed, imbagħad, x'ħin irraġġunġa l-isbarra, u kien dieħel fiha, il-prosekutur, allura l-kompjant Dr. Victor Frendo Azzopardi, ried isejjaħlu biex jerġa' jagħmillu mistoqsijiet; l-Avukat Dr. Magri kien pront ipprotesta bil-kliem "No, perchè ora ha raggiunto la sbarra", u l-President Mercieca sostna bla eżitazzjoni l-objezzjoni tad-difiża;

Għalhekk kien hemm vjolazzjoni ta' formalità sostanzjali, għaliex il-prinċipju hu fondamentali; u konsegwentement is-sentenza hija nulla;

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-art. 440 (8) Kapitolu 12, tannulla s-sentenza u tordna li l-kawża tiġi trattata mill-ġdid fil-meritu quddiemha;

Il-kawża tibqa' differita għat-8 ta' Novembru 1948.